MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 268/2002/1

Avviz Nru:  268/2002 DM

Angelo Cauchi u Charmaine Cauchi

vs

Joseph Attard u Alice Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l- kundanna tal-konvenuti sabiex inehhu cables tat-telefon u tad-dawl ghaddejjin fuq proprjeta' tal-atturi u jaghlqu t-toqba fil-hajt divizorju bejniethom, kif ahjar spjegat fl-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2003 kopja Dok A u dana fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dina l-Qorti u fin-nuqqas jigu awtorizzati l-atturi jghamlu x-xogholijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, Dok A, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur tax-xogholijiet ma jaqbisx il-mitejn lira Maltin (Lm200).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Attard u Alice Attard fejn eccipew illi:-

1 Din l-Onorabbli Qorti mhix il-Qorti kompetenti biex tisma’ kawzi ta’ din in-natura;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ta’ l-atturi hija wahda preskritta u dan ai termini ta’ l-Artikolu 2153;
3 Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talba attrici hija wahda infondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Frar 2003 fejn l-attur iddikjara li l-konvenut kien ezegwixxa x-xogholijiet fil-mori tal-istess kawza u ghalhekk ipprezenta nota ta’ cessjoni tal-mertu izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Rat l-istess verbal tal-istess seduta tal-14 ta’ Frar 2003 fejn il-konvenuti assistiti mid-difensur taghhom iddikjaraw illi kienu kkompletaw ix-xoghlijiet li xtaq l-attur izda dan kien sar bl-intendiment li ma jigux ippregudikati l-pretenzjonijiet tal-konvenuti li sosstnew li ma kienux responsabbli ghall-ispejjez kollha li dwarhom lmenta l-attur u infatti x-xoghlijiet saru bl-intendiment li l-ispejjez jibqghu bla taxxa..

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhied prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Stante n-nota tac-cessjoni tal-mertu pprezentata mill-atturi l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' din il-kawza u qedgha tghaddi ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

Il-provi fir-rigward jirrigwardaw jekk effettivament kienetx saret transazzjoni bejn il-kontendenti dwar din il-kawza.

Il-konvenuti jsosstnu illi ghalkemm huma ghaddew ghall-esekuzzjoni ta xi xogholijiet mixtieqa mill-atturi huma qatt ma kienu tenuti illi jaghmlu dak kollu li kien talab l-attur izda ghamlu xi xogholijiet bl-intendiment illi jigu ezawriti l-pretenzjonijiet tal-kontendenti kollha fil-konfront ta' xulxin u li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa

Minn-naha l-ohra l-atturi jsosstni illi ma kien qatt intahaqxi ftehim mal-konvenuti li kien jimplika illi kienu qeghedin jirrinunzja ghad-dritt li jesigu l-ispejjez kollha tal-kawza.

Ghalhekk il-Qorti trid tezimina l-provi kollha prodotti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex tara kif ghandhom jigu ripartiti l-ispejjez tal-kawza wara illi kien gie esawrit il-meritu bix-xoghlijiet maghmula mill-konvenuti.

Mill-provi prodotti pero jirrizulta illi effettivament il-konvenuti nehhew biss il-'wires' tat-'telephone' u l-'cables' l-ohra illi kienu lmentaw fuqhom l-atturi ma gewx imnehhija, kif jirrikonnoxxi l-attur stess fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta' Gunju 2003.

Jirrizulta stabbilit li l-'cables' l-ohra li l-atturi kienu anke specifikawhom fir-ritratti minnhom esibiti ma kienux responsabilta' tal-konvenut izda tal-Melita Cable. Dan iffisser illi t-talba attrici ma kinetx iggustifikata fl-intier taghha u illi x-xoghlijiet li esegwixxa l-konvenut, li bihom kien kuntent l-attur, kienu parti biss mix-xoghlijiet illi dwarhom l-atturi kienu fethu dawn il-proceduri kontra l-konvenuti.

Ghaldaqtant  il-Qorti ssib illi tenut kont ta dawn ic-cirkostanzi jkun ekwu illi l-ispejjez tal-kawza jigu maqsuma nofs kull parti bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------